TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2023**

**Talba Nru: CCT42/23/DS**

**Margaret Cachia**

**Vs**

**Portelli & Brincat Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fis-7 ta' Marzu, 2023 fejn talbet illi tingħata depozitu lura fl-ammont ta' ħamsin Ewro (€50) illi hija kienet ħallset għal Zebra Blinds illi qatt ma ġew konsenjati.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ la intavolat risposta u lanqas deher rappreżentant tagħha biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri. It-Tribunal iddikjaraha kontumaċi u taha żmien biex tagħmel nota ta' sottomissjonijiet jekk tħoss il-ħtieġa pero' dan m'għamlitux lanqas.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi s-Sinjura Cauchi għamlet ordni ta' Zebra Blinds mingħand is-soċjeta' intimata fit-8 ta' Novembru, 2022 liema blinds kellhom jiġu installati gimgħa wara gimgħatejn jew tlieta skont ix-xhieda inkontestata tal-attriċi. Wara erbgħa gimgħat hija provat tikkuntattja s-soċjeta' intimata iżda bla suċċess. Provat

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

bil-messaggi, marret l-uffiċju tagħhom tal-Fgura u kellmet lil xi rappreżentanti pero' kien kollu għall-xejn.
Illi l-attriċi kienet finalment kellmet lill-Marco Portelli għaliex kienet ikkummentat fuq reklam tas-soċjeta' intimata fuq Facebook u bagħtilha messaġġ li offrielha illi jagħmlulha b'xejn pero' f'dak l-istadju kienet diġa' ordnata minn xi mkien ieħor. Hija kienet ukoll ħallset għoxrin Ewro (€20) aktar biex għamlithom.

Illi l-attriċi talbet għall ammont illi hija ħallset bħala deposit u l-ammont li ħallset għall-dawn il-proċeduri.

Illi s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu w'għaldaqstant il-verżjoni tal-attriċi m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tal-attriċi hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-imsemmi depożitu ġie mħallas mill-attriċi għalkemm il-*blinds* illi għalihom tħallas l-imsemmi depożitu qatt ma ġew installati.

Illi t-Tribunal jinnota l-atteġġjament xejn professjonali tas-soċjeta' attriċi fil-konfront tal-klijenta tagħha illi minħabba l-aġir tagħha l-istess attriċi nkorriet ukoll danni materjali fl-ammont ta' għoxrin Ewro (€20).

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi minbarra dan l-attrici wara illi provat kemm -il darba tikkuntattja lis-soċjeta' intimata illi bdiet tinjoraha, kellha saħansitra tmur hija stess ġewwa l-uffiċju tal-istess soċjeta' pero' kien kollu għal xejn u hija għaldaqstant kellha tirrikorri quddiem dan it-Tribunal sabiex fl-aħħar mill-aħħar is-soċjeta' intimata lanqas biss irrispondiet għat-talbiet attriċi u lanqas attendiet għas-seduta b'diżrispett totali lejn il-klijenta tagħha kif ukoll lejn dan it-Tribunal. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar kif ukoll spejjeż żejda lill-attriċi illi jkun inġust illi jgħaddi inosservat.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' ħamsin Ewro (€50) f'depożitu lill-attriċi kif ukoll tikkundanna lill-istess soċjeta' tħallasha is-somma ta' għoxrin

Ewro (€20) bħala danni materjali kif ukoll ħamsa u tletin Ewro (€35) f'danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatilha.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**